# LINJI GWIDA GĦALL-GĦALLIEMA BIEX JAMMINISTRAW IS-SILLABI TAL-MALTI GĦAS-SENA SKOLASTIKA 2021-2022

**Daħla**

Minħabba l-effetti tal-pandemija tal-COVID-19, it-tagħlim kompla jieħu xejriet differenti li b'xi mod jew ieħor ħallew effett fuq l-istudenti. Għaldaqstant l-għalliema huma mħeġġa li jieħdu ż-żmien meħtieġ fil-bidu tas-sena skolastika 2021-2022 biex jassessjaw il-livell li jinsabu fih l-istudenti tagħhom u jippjanaw kif l-aħjar jgħinuhom biex ikunu jistgħu jkomplu fil-mixja tagħhom kurrikulari mas-sillabu tas-sena preżenti. Dan ifisser li l-għalliema jridu jagħtu prijoritajiet li xi kisbiet jew oqsma tal-lingwa li huma jaraw li l-istudenti jkunu jeħtieġu aktar għajnuna u taħriġ fihom minn oħrajn.

Biex isir dan, l-għalliema jeħtieġu aktar ħin. Għalhekk qed ikun issuġġerit li għal din is-sena skolastika biss, bħalma sar is-sena l-oħra, l-għalliema jistgħu jsegwu s-suġġerimenti ta' tnaqqis mis-sillabi kif indikat hawn taħt.

**Is-snin tal-Primarja (mit-3 sas-6 sena)**

**Is-sillabu**

Is-sillabu għal kull sena tal-primarja għandu jkun kopert kollu matul din is-sena, bil-kisbiet kollha fl-erba' ħiliet ewlenin. Madankollu, jekk ikun meħtieġ, l-għalliema jistgħu għal din is-sena skolastika biss, jimmodifikaw l-enfasi fuq xi ħiliet aktar minn oħrajn, fosthom il-programm tal-metalingwa u l-kitba, li fihom l-istudenti setgħu marru xi ftit lura minħabba ċ-ċirkustanzi straordinarji tas-sena skolastika li għaddiet. Għalhekk l-għalliema għandu isegwu dawn il-linji gwida meta jiġu biex jippjanaw għas-sena 2021-2022.

**L-iskema ta' xogħol**

Din trid tiġi modifikata (u mhux mibdula totalment), bħal dik tas-sena l-oħra. Dan irid isir wara li tkun saret l-analiżi tal-għarfien tal-istudenti u l-għalliema jkunu ddeċidew, waħidhom jew bejniethom, liema aspetti u ħiliet għandhom jenfasizzaw aktar biex l-istudenti jissaħħu fejn setgħu marru lura s-sena ta' qabel. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-oqsma tal-metalingwa u l-kitba. Għalhekk il-parti l-kbira tal-ippjanar għandu jibqa' l-istess għax is-sillabi tas-sena partikulari jridu jkunu koperti kollha. L-għalliema jistgħu jbiddlu/jnaqqsu l-ammont ta' lezzjonijiet f'xi oqsma biex dawn jiġu ddedikati għat-tisħiħ tal-kisbiet jew kontenut tas-sena ta' qabel.

**Il-forkast u r-rekord tax-xogħol**

Dawn għandhom ikunu aġġornati u jixhdu d-devjazzjonijiet li l-għalliema jkunu għamlu mill-iskema tax-xogħol tagħhom biex ipattu għat-tisħiħ tal-kisbiet mis-sena ta' qabel, speċjalment fl-oqsma tal-metalingwa u l-kitba.

**L-Assessjar Kontinwu**

**Għat-3 sena:** Għall-fini tal-assessjar kontinwu f'din is-sena, l-għalliema jistgħu jsegwu dawn il-linji gwida ta' tnaqqis jekk iħossu li jkun jeħtiġilhom jiddedikaw aktar ħin għat-tagħlim tal-istudenti biex jirkupraw dak li tilfu s-sena ta' qabel:

| Il-ħila | Assessjar Kontinwu 2019-2020[1] | Assessjar Kontinwu għas-sena 2021-2022 **biss** |
|---|---|---|
| It-taħdit | 3 ħidmiet | 3 ħidmiet |
| Il-Kitba | 5 ġeneri | 5 ġeneri |
| Is-smigħ | 6 testi | 4 testi tal-anqas |
| Il-qari | 6 testi | 4 testi tal-anqas |
| Total | 20 ħidma | 16-il ħidma |

**Għar-4 sena:** Għall-għoti tal-marka tal-assessjar kontinwu f'din is-sena, l-għalliema jistgħu jsegwu dawn il-linji gwida ta' tnaqqis jekk iħossu li jkun jeħtiġilhom jiddedikaw aktar ħin għat-tagħlim tal-istudenti biex jirkupraw dak li tilfu s-sena ta' qabel:

| Il-ħila | Assessjar Kontinwu 2019-2020[2] | Assessjar Kontinwu għas-sena 2021-2022 **biss** |
|---|---|---|
| It-taħdit | 2 ħidmiet | 2 ħidmiet |
| Il-Kitba | 4 ġeneri | 4 ġeneri |
| Is-smigħ | 6 testi | 4 testi tal-anqas |
| Il-qari | 6 testi | 4 testi tal-anqas |
| Total | 18-il ħidma | 14-il ħidma |

**Għall-5 u s-6 sena**: Għall-għoti tal-marka tal-assessjar kontinwu f'dawn is-snin, l-għalliema jistgħu jsegwu dawn il-linji gwida ta' tnaqqis jekk iħossu li jkun jeħtiġilhom jiddedikaw aktar ħin għat-tagħlim tal-istudenti biex jirkupraw dak li tilfu s-sena ta' qabel

| Il-ħila | Assessjar Kontinwu 2019-2020[3] | Assessjar Kontinwu għas-sena 2021-2022 **biss** |
|---|---|---|
| It-taħdit | 2 għall-assessjar kontinwu + (1 għall-eżami annwali) | 2 għall-assessjar kontinwu + (1 għall-eżami annwali) |
| Il-Kitba | 6 tipi mħallta, twal u qosra | 6 tipi mħallta, twal u qosra |

[1] Għad-dettalji kollu fuq l-assessjar ara https://malti.skola.edu.mt/assessjar-kontinwu-2019-2020/it-3-sena-primarja/

[2] Għad-dettalji kollu fuq l-assessjar ara https://malti.skola.edu.mt/assessjar-kontinwu-2019-2020/ir-4-sena-2019-2020/

[3] Għad-dettalji kollu fuq l-assessjar ara https://malti.skola.edu.mt/wp-content/uploads/2019/06/Il-Kriterji-tal-Assessjar-5-6-sena.pdf

| | | |
|---|---|---|
| Is-smigħ | 6 sa 8 testi | 4 testi tal-anqas |
| Il-qari | 6 sa 8 testi | 4 testi tal-anqas |
| Total | 20-24 ħidma | 16-il ħidma |

**L-ittikkjar**

L-għalliema huma mħeġġa biex xorta jittikkjaw il-kisbiet kollha li hemm immarkati fil-*MySchool* minkejja li ma jkunx sar ix-xogħol tal-assessjar kontinwu kif stabbilit. Dan għaliex dawn il-kisbiet huma xorta parti mis-sillabu u jridu jiġu mgħallma u assessjati mill-għalliema fil-klassi jew id-dar.

**L-eżami annwali**

Se jibqa' mibni fuq is-sillabi kollha rispettivi u bit-tqassim eżistenti bla ebda tibdil.

Min ikollu bżonn ta' xi kjarifika jew għajnuna jista' jkellem lill-Kap tad-Dipartiment jew lill-Uffiċjal Edukattiv tal-Malti tal-Kulleġġ. Grazzi.

____________________________________